C/2024/7203

28.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11766 – NVIDIA / RUN:AI)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7203)

1. Fil-15 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NVIDIA Corporation ("NVIDIA", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Run: ai Labs Ltd ("Run: ai", l-Iżrael).

NVIDIA se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Run:ai.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-konċentrazzjoni kienet referuta lill-Kummissjoni mill-Awtorità Taljana tal-Kompetizzjoni skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— NVIDIA tiddisinja u tforni pjattaformi aċċellerati tal-computing inklużil- Unitajiet tal-Ipproċessar tal-Grafika għall-gaming, iċ-ċentri tad-*data*, il-viżwalizzazzjoni professjonali, u l-applikazzjonijiet awtomobilistiċi. NVIDIA tipprovdi wkoll prodotti u soluzzjonijiet ta' interkonnessjoni tan-network,

— Run:ai tiżviluppa software li jgħin lill-klijenti jiskedaw it-tagħbijiet tax-xogħol fuq clusters ta' GPUs taċ-ċentri tad-data.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11766 – NVIDIA / RUN:AI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").